MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1034/2003

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Joseph Aquilina u Paul u Helen konjugi Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2003 fejn intalab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Joseph Aquilina bhala debitur principali u lill-konvenuti Paul u Helen, konjugi Aquilina bhala garanti tieghu biex ihallsu is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) rapprezentanti bilanc minn prezz akbar dovut versu l-prezz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAG-407 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut Joseph Aquilina mill-attur, u dan skond skritturi privati tal-20 ta' Novembru, 1999 u**

**t-22 ta' Novembru, 1999 bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata minn Joseph Aquilina fit-23 ta' Marzu, 2004, li biha ammetta t-talbiet migjuba kontrih.**

**Ra r-risposta ta' Paul u Helen Aquilina tas-6 ta' April, 2004, fejn dawn qalu illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Paul u Helen konjugi Aquilina ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi mhuwiex minnu li huma f'xi stadju qatt ghamlu ta' garanti tad-debitur principali Joseph Aquilina; u Illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti Paul u Helen Aquilina u l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Aquilina u ta' Helen Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Fil-konfront tal-konvenuti Paul u Helen Aquilina ma hemm ebda prova li dawn dahlu garanti ghall-Joseph Aquilina kif allegat, anzi dan hu michud kategorikament minnhom. Inoltre lanqas ma jidher li hemm ebda relazzjoni guridika da parti taghhom mal-konvenut. Ghalhekk il-konjugi Paul u Helen Aquilina ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**
**2. Dwar Joseph Aquilina hemm ammissjoni minnu li l-ammont huwa dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera lil konjugi Paul u Helen Aquilina mill-osservanza tal-gudizzju, in kwantu dawn ma kellhom ebda relazzjoni guridika mal-attur, fuq ammissjoni qed jilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Aquilina, u jikkundanna lill-istess Joseph Aquilina jhallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta' Mejju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispjjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Joseph Aquilina, hlief ghall-ispejjez tal-konvenuti konjugi Paul u Helen Aquilina li ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------